**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 574/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**vs**
**World Match Ltd**
**Andrea Boratto**
**Alessandro Fried**

**Illum 30 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

**World Match Limited** liema kumpanija għandha n-numru ta' reġistrazzjoni C31187 u li għandha l-indirizz reġistrat bħala The Mayfair Business Centre Level 4, Triq Santu Wistin, San Ġiljan u in rappreżentanza tal-istess World Match Ltd is-segwenti persuni

lil

**Andrea Boratto** ta' 41 sena iben Giuliano u Luciana xebba Lungo, imwieled Cittadella provinċja ta' Padova, Italja nhar il-5 ta' Lulju 1973 u joqgħod Via Dei Bucaneve, 8, Interno 1, Stra provinċja ta' Venezja, Italja u detentur tal-karta tal-Identità Taljana bin-numru AR 6635959 fil-kwalità

tiegħu ta' direttur u rappreżentant legali u ġuridiku tal-imsemmija kumpanija

lil

**Alessandro Fried** ta' 44 sena iben Guido u Clara xebba Sartori, imwieled fi Trieste, Italja nhar it-22 ta' Novembru 1970 u joqgħod Blue Harbour, Triq ix-xatt, Ta' Xbiex u detentur tal-karta tal-identità Franċiża bin-numru 04092A100436 valida sas-27 ta' Settembru 2019 fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-imsemmija kumpanija.

Talli fl-2010 u fis-snin ta' qabel f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b'qerq ieħor, ingann jew billi urejtu haga b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' hila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamiltu qligħ ta' aktar minn erba' mija u erba' u tletin, seba' mija u ħamsin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu għad-detriment tal-Kummissjoni Ewropeja fuq proġetti Health Plus (+), Metabo u ARTreat tal-Unjoni Ewropeja;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi sabiex tiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalikom infuskom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument jew dokumenti maħsub jew maħsuba għal xi awtorità pubblika, xjentement għamiltu dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet jew stqarrija, falza jew foloz jew jagħti jew jagħtu tagħrif falz jew foloz;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi xjentement għamiltu użu minn wieħed mid-dokumenti imsemmija fl-artikolu 185 tal-Kodiċi Kriminali a tenur tal-artikolu 186 tal-Kodiċi Kriminali;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi assoċjajtu ruħkom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li tagħmlu delitt (ai termini tal-artikoli 18, 185, 186, 188, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta), f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar L-istampa, ikun hati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront tal-imputati fis-seduta datata l-31 t'Awwissu 2017.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè dok RA1, stqarrija mmarkata bħala dok RA2, dokument immarkat bħala dok RA3, dokumentazzjoni immarkata bħala dok RA4, dokumentazzjoni immarkata bħala dok RA5, dokument immarkat bħala dok RA6, dokument immarkat bħala dok RA7, DVD immarkat bħala dok RA8, stqarrija ta' Andrea Boratto immarkata bħala dok RA9, stqarrija ta' Alessandro Fried immarkata bħala dok RA10, kopja tal-ID card ta' Alessandro Fried immarkata bħala dok RA11, sommarju immarkat bħala dok RA12, dokument immarkat bħala dok RA13, dokument immarkat bħala dok RA14, kuntratt immarkat bħala dok RA15, tlett dokumenti mmarkati komplessivament bħala dok RA16, folder kontenenti dokumentazzjoni immarkata bħala dok RA16, folder kontenenti dokumentazzjoni immarkata bħala dok RA17, Memorandum and Articles immarkata bħala dok RA18, dokument immarkat bħala dok

RA19, dok CC1, dok CC2, dok JS1, dok AZ1, dok NT1, dok NT2, dok NT3, dok NT4, dok NT5, dok NT6, dok BF, dok BF1 sa BF3, dok AZ1,

Semgħet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioè l-ispettur Raymond Aquilina, Joseph Saliba, Christabelle Calleja, Amanda Zammit, Neil Thomson, Biaggio Fiorito, Dario Pruietti, Rita Schembri, Mario Debono

**Ikkunsidrat**

**L-ispettur Raymond Aquilina** xehed u qal li l-kummissarju tal-pulizija kien irċieva ittra mingħand l-Avukat Ġenerali dwar investigazzjoni li kienet diġà sehhet mill-OLAF fuq allegazzjoni ta' irregolaritajiet minn kumpanija reġistrata Malta bl-isem ta' World Match u dan abbażi ta' tlett proġetti b'fondi tal-Unjoni Ewropeja. L-investigazzjoni li kienet saret minn OLAF kienu rrakkomandaw fir-rapport tagħhom illi jitteħdu azzjonijiet kriminali ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali. Ġew esebieti diversi dokumenti in konnessjoni mal-każ preżenti u stqarrijiet magħmula mill-imputati dwar il-każ. Ġie wkoll esebiet dokument li huwa sommarju li kien ġie preparat mill-imputati dwar x'kien gara f'dan il-proġett u l-ammonti li kienu tħallsu lura. Minn dak li ħareġ is-soċjetà World Match qatt ma kienet involuta fi proġetti tal-Unjoni Ewropeja iżda gara li l-imputati l-oħra kienu ltaqaw ma' ċertu Sergio Copelli sabiex jgħinhom jidħlu fi proġetti tal-Unjoni Ewropeja. L-informazzjoni kienet tingħata lis-soċjetà R&S Infor s.r.n. Illi kien hemm nuqqas ta' kjarifiki kemm fil-profile tal-kumpanija World Match kif ukoll l-abbiltajiet tal-impjegati ta' World Match. Għalkemm l-informazzjoni kienet ġiet mgħoddija minn World Match għas-soċjetà l-oħra, kienu d-diretturi stess li kienu iffirmaw id-dokumenti. Huma kienu qalu li raw biss ix-xogħol li kellhom jagħmlu dwar ir-responsabiltajiet tagħhom. Huma kienu taw l-istess spjegazzjoni lill-OLAF fuq il-każ. Wara dan kollu kien hemm deċiżjoni li jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tat-tlett imputati.

Is-soċjetà World Match kienet daħlet għal tender sabiex jiġi żviluppat software ma' soċjetajiet oħrajn. Illi fil-fatt kien irriżulta li World Match kienet użat l-esperjenza ta' soċjetà oħra sabiex jitħejja dan is-software. Illi fil-fatt Andrea Boratto kellu sehem fiż-żewġ kumpaniji. Illi s-soċjetà World Match kellha tagħmel użu minn soċjetà oħra halli tgħina tapplika u tasal biex tirbaħ dan it-tender. Copelli hejja d-dokumenti fuq l-informazzjoni li ġiet mgħoddija lilhu mis-soċjetà World Match. Huwa żied jgħid li kien biss ra fejn kienu iffirmaw l-imputati iżda ma kienx ra l-bqija tad-dokumentazzjoni. Illi minn proġett għal proġett beda joħroġ li kien hemm diskrepanzi fid-dokumentazzjoni. Illi l-ewwel proġett dwar l-iżvilupp tas-software kien sehh u d-diskrepanzi bdew joħorġu fuq it-tieni u t-tielet proġett. Gara li dak li tħallsu mill-Unjoni Ewropeja kien inghata lura. Illi huma kienu iffirmaw diversi dokumenti kif mitluba jagħmlu li ġew redatt minn Coppelli.

**Joseph Saliba** xehed fuq lista ta' impjegati tal-World Match Limited (ara dok RA19 a fol. 250).

**Christabelle Calleja** xehdet fejn qalet li hija taħdem mal-Malta Gaming Authority fejn tat spjegazzjoni dwar liċenzji li kienu inħarrġu lil World Match Limited matul iż-żmien. Ġew esebieti diversi korrispondenza dwar il-liċenzji maħruġa (ara dok CC1 u CC2 a fol 254 et seq).

**Amanda Zammit** qalet li hija d-direttur ġenerali fi ħdan l-Internal and Audits Investigations Department. Hija qalet li ma kienitx involuta f'dan il-każ minħabba li kien hemm persuni oħrajn li ħadmu fuq il-każ. Kien hemm xi korrispondenzi fil-file bejn OLAF u l-istess IAID fuq il-każ kif ukoll mill-istess ufficcju tal-Avukat Generali. Illi skont ma kien hemm fil-file tal-każ, kien hemm miktub "*…However the IAID considered that the case was not sufficiently ripe for a potential national criminal investigation.*"

**Neil Thomson** xehed u qal li jaħdem fi ħdan OLAF qal li fis-sena 2009 kien ġie infurmat permezz ta' kommunikazzjoni li seta kien hemm xi irregolaritajiet u frodi minn naħa ta' kumpanija bl-isem ta' World Match Ltd. Ix-xogħol tiegħu kien li jara d-dokumenti li kien hemm u jekk kienx hemm possibilità ta' suspett ta' irregolaritajiet sabiex OLAF tinvestiga. Illi fil-fatt mid-dokument li ġie esebiet dwar l-investigazzjoni li saret kien hemm fatti fuq fost oħrajn dikjarazzjonijiet foloz ta' spejjez u rimbors minn naħa tal-Kummissjoni. Illi s-soċjetà World Match kienet partecipi f'konsortium sabiex isir proġett liema fondi kienu se joħorġu mill-Kummissjoni Ewropeja. Is-suspett li kien hemm fuq World Match Ltd kien li ma kellhiex l-esperjenza u teknikilita biżżejjed sabiex tlesti l-proġett. Gara li dak li kien qiegħed jiġi mitlub bħala ħlas ta' spejjez kien falz. Ix-xogħol li huwa jagħmel fuq każijiet bħal dan huwa biss assessar u mhux investigazzjoni iżda biss bażi ta' investigazzjoni. Il-konklużjonijiet li huwa kien ta. Kienu jimmeritaw investigazzjoni minn naħa ta' OLAF. Gara li f'Marzu 2010, OLAF bdiet investigazzjoni fuq il-każ u hu kien parti minn din l-investigazzjoni. Saret laqgħa f'Malta mal-IEID fuq il-każ. Gara li mil-laqgħa li kienet saret mal-istess IEID, ħareġ li minn naħa tagħhom ma kienux lesti li jieħdu passi oltre fuq il-każ. Fil-fatt kien hejja rapport (dok NT6) wara l-laqgħa li kienet saret.

In kontro-eżami huwa qal li wiehed mill-argumenti li kien inghata mill-IEID kien li fil-fatt il-proġett kien tlesta għalkemm kien qiegħed jingħad li kien hemm misrapprezentazzjoni. Meta mistoqsi dwar it-time sheets tal-ħaddiema u fuq l-ispejjeż jekk kienx mar fuq il-post biex jivverifikaw, huwa qal li l-għan prinċipali ta' OLAF huwa mhux il-validità tal-proġett tal-ispejjeż. Li l-proġett isir jew ma jsirx mhux l-għan prinċipali imma l-infieq huwa ġustifikat. Meta mistoqsi x'kienu dawn il-fatti li kien hemm misrapprezentazzjoni kienu fuq il-kwistjoni ta' affarijiet tekniċi u aspetti finanzjarji. Illi huwa kien għamel żewġ mistoqsijiet dwar il-kumpanija jekk

l-ispejjeż li qiegħda titlob humiex eżatti u jekk kellhiex il-kapaċità li tagħmel dak mitlub. Ghall-OLAF jekk sehhx jew le l-proġett, huwa importanti l-affarijiet li jkunu dikjarati.

**Biaggio Fiorito** ikkonferma li skont ma hemm fid-dokument RA1, huwa kien investigatur fil-każ in kwistjoni. Illi l-kummissjoni meta toħroġ finanzi għal xi proġett tara li dan jista' jsehh iżda mhux li bilfors irid ikun hemm riżultat. Illi għandu jingħad li meta jkun hemm konsortia għal xi proġett ma jridx ikun minn pajjiż wieħed iżda minn diversi pajjiżi. Illi skont id-dokument RA1, id-direttur skont il-paġni li hemm minn numru 64, 66, 69 u 70 urew li huma għandhom il-kapaċità teknika, illi però ma jafx min kien li għamel dawn id-dikjarazzjonijiet, fejn il-kumpanija World Match kellha dawn il-kapaċità teknika. Fil-fatt ħafna mix-xogħol sar minn kumpanija oħra li huma kellhom kuntatt magħha. Illi dan ix-xogħol ġie sub-kuntrattat kumpanija ohra u skont ir-regolamenti dan ma setax isir ħlief b'arranġament mal-kummissjoni. Harge ukoll li skont id-diretturi dawn ma kellhomx degree mill-Universita. Gara li kien hemm persuna Vanessa Pace li ġie dikjarat li kienet espert f'qasam mediku iżda wara irriżulta li hija kienet segretarja. Illi meta kienu tkellmu mad-diretturi dawn qalulhom li kien il-konsulent li għamel dan kollu u minn naħa l-oħra huwa kien innega li għamel xi haga bħal din għax l-informazzjoni kienet ġejja mingħand id-diretturi ta' World Match. Huwa ikkonferma li ha stqarrija tad-diretturi tal-kumpanija World Match. Gara wkoll li l-kumpanija World Match hija involuta fuq gaming online iżda xi ħaġa ma ngħatax informazzjoni lil kummissjoni fuq dan. Illi mid-dokumenti li ġew analizzati World Match kellha misraprezzentazzjoni ta' informazzjoni mgħoddija lil kummissjoni. Il-Kummissjoni Ewropeja talbet lura l-ħlas tal-fondi mgħotija u gara li dawn tħallsu.

In kontro-eżami qal li l-informazzjoni skont World Match ġiet mgħoddija mill-konsulent tagħhom waqt li Copelli qal xi ħaġa totalment differenti. Illi

meta mistoqsi dwar il-fatt li huma qatt ma ħbew li kienu jaħdmu fuq online gaming, iżda kien l-istess konsulent li tahom il-parir sabiex ma jagħmlux dan, ix-xhud wieġeb li d-direttur kellhom kollox quddiemhom meta iffirmaw. Rigward il-kumpanija l-oħra Mystique li għandha 97% shareholders li huma ta' World Match kienet li għamlet il-prodott mitlub. Illi skont ix-xhud huwa ma kienx daħal fuq din il-kwistjoni. Illi kellha tkun World Match li tagħmel ix-xogħol u mhux Mystique għax kellha tkun il-kummissjoni li tagħti li kunsens tagħha. Meta mistoqsi għal fatt li l-kumpanija World Match qatt ma ħbiet il-fatti u anki li kienet ħallset is-somom dovuti iżda ma jafx jekk fil-fatt is-software li kienu għamlu kienx għadu jintuża jew le. Illi ma kienx jaf jekk kienux ittieħdu proċeduri kontra l-konsulent ta' World Match.

**Dario Pruietti** qal li huwa kien preżenti meta ġew intervistati d-diretturi tal-kumpanija World Match. Huwa ikkonferma l-firma li kien hemm fuq id-dokument RA1.

**Rita Schembri** qalet li kienet Direttur Ġenerali fi ħdan l-Internal Audit fejn qalet li hi ma kienitx involuta fl-investigazzjoni tal-każ. Hija ikkonfermat li fejn hemm fl-emails l-isem tagħha hi tkun qrat il-kontenut tagħhom.

**Mario Debono** huwa għamel żmien jaħdem fi ħdan l-Internal Audit and Investigations Department fejn kien ġie mitkellem minn Biagio Fiorito mill-OLAF fuq il-każ ta' World Match. Għalkemm kien hemm xi korrispondenza fuq kaz qatt ma kien rabat il-każ ma' ta' World Match. Kien sema l-ewwel darba meta kien kellmu Biagio Fiorito. Hu ftakar li kellu lagħqa ma' dan l-investigatur ġewwa l-uffiċini tagħhom. Kienu nfetħu żewġ files fuq rapporti differenti.

**Amanda Zammit** qalet li hija taħdem ma' IID iżda hi ma kenitx involuta fl-investigazzjoni li kellha x'taqsam fiha World Match. Hija konfermat dokument AZ1 li kienet għamlet kopja tiegħu hija stess.

**Mario Debono** huwa kkonferma d-dokument AZ1 liema dokument huwa kien għamel referenza għalih fix-xhieda tiegħu. Wara xi żmien kien ġie investigatur mill-OLAF fejn kien semma l-każ ta' World Match u kien hemm li għamel konnessjoni ma' dak li kienu qalulu fuq il-każ. Kienu saru laqgħat mal-istess OLAF u anki fis-sena 2013 fuq il-każ.

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata t-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

(i) Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

(iii) Fl-artikoli 188 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) Fl-artikoli 185, 186 382 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

(v) Fl-artikoli 48A, 185, 186, 188, 308, 309, 310 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

(vi) Fl-artikoli 532A, 532B, 533 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati qegħdin jiġu akkużati b'diversi imputazzjonijiet u dan wara li kienet saret investigazzjoni minn membri tal-OLAF dwar misraprezzentazzjoni ta' informazzjoni mgħotija għal xi proġetti li l-kumpanija World Match kienet applikat għalihom. Dan il-proġett kien se jithallas mill-Unjoni Ewropeja u għalhekk kellu jiġi segwiet ċerti regoli stabbiliti mill-Unjoni Ewropeja dwar l-għoti tal-fondi għal dawn il-proġetti.

Illi l-investigaturi tal-OLAF kienu għamlu diversi mawriet u intervistaw liż-żewġ diretturi tal-kumpanija World Match fuq il-fatti tal-każ tant li kienu għaddew l-informazzjoni lil diversi entitajiet dwar il-fatti tal-każ. Illi wara diversi snin, il-pulizija xliet lid-diretturi tal-kumpanija World Match kif ukoll l-istess kumpanija fuq frodi fost akkużi oħrajn.

Illi għalhekk il-Qorti trid tifli l-provi kollha li għandha quddiema sabiex tara fiċ-ċirkostanzi tal-każ tistax tinstab ħtija jew le. Dawn il-provi però jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioè l-*Law of Evidence*. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> *id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell

Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne*** (deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali) qalet li mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l- Qorti, f' każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali w tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.

Illi l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Diċembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni.

F'dan il-kuntest, allura, il-Qorti mill-provi li tinġieb quddiemha li tista' tkun diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem tista' twassal għall-fatti kif seħħew fil-każ. Illi xhud jista' jgħid il-fatti kif jafhom hu u b'dik il-verżjoni tista' twassal għal sejbien ta' ħtija jew le. Inkella jista' jkun hemm ċirkostanza fejn xhud ikun qiegħed jigdeb jew inkella jipprova jagħti x'jifhem li mhux qiegħed jiftakar il-fatti tal-każ. Illi għalhekk huwa prinċipju li l-Qorti trid tħares ukoll lejn l-evidenza indiretta iżda mhux kull prova hekk imressqa tista' sservi bħala prova assoluta li twassal għal verità għaliex din trid tkun marbuta ma' kull ċirkostanza tal-każ inkluż ma' provi oħra li jkun tressqu fil-każ u cioè li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi kollha li jkunu tressqu quddiemha inkluż dawk tal-esperti maħtura u ċirkostanzi oħrajn. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn

**Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,7 Lord Moses stqarr hekk :

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, cioè jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li*

*l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha (Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali).*

Illi kif ingħad hawn fuq, f'dan il-każ tressqu diversi provi dokumentarja in konnesjoni mal-investigazzjoni li kienu għamlu l-OLAF rigward il-proġetti li l-kumpanija World Match daħlet għalihom. Illi wara din l-esposizzjoni legali dwar il-livell ta' prova li għandha tiġi mressqa, il-Qorti trid l-ewwel ma jrid jiġi stabbilit f'dan il-każ huwa min qiegħed jiġi addebitat b'dawn l-imputazzjonijiet ossija jekk l-imputazzjonijiet odjerni humiex biss fil-konfront ta' World Mtach jew jekk apparti mill-kumpanija l-istess imputazzjonijiet humiex addebitati wkoll lil Andrea Boratto u Alessandro Fried b'responsabiltà vikarja fil-vesti tagħhom ta' diretturi tal-imsemmija kumpanija.

Fit-trattazzjoni magħmula mid-difiża issostni, kif dejjem sostniet matul il-proċeduri, li f'dan il-każ hawn imputat wieħed si tratta ta' imputazzjonijiet addebitati biss lill-korp magħqud u cioè lil World Match. Illi f'dan l-istadju, din il-Qorti se tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** mgħotija Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2019 fejn qalet hekk:

*"Illi minn qari taċ-ċitazzjoni huwa evidenti illi l-appellant huwa mixli fil-kapaċita personali tiegħu. L-akkuża ma tagħmel ebda referenza għas-soċjeta Green Investments Limited li tagħha l-appellant huwa d-direttur. Issa s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka*

*tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

*Illi minn qari akkurat tat-taħrika maħruġa fil-konfront tal-appellant jirriżulta illi l-partikolarijiet tiegħu ġew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita tiegħu. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat li dwaru ġie mixli fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta mill-provi izda illi dan ir-reat gie lilu addebitat bhala rapprezentant ta' korp guridiku billi hu ma kienx fizikament responsabbli ghal agir li allegatament wassal ghall-event dannuz mertu tal-kaz. Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi*

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."*

*Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija waħda personali u mhux waħda rappreżentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp ċivili. Għalhekk ma hemmx għalfejn li l-appellant jiġi iċċitat fil-vesti ta' direttur jew in rappreżentanza ta' xi soċjeta' kummerċjali. Bizzejjed li jiġi ċitat b' mod ċar għal dak li jirrigwarda l-konnotati tiegħu personali basta li mill-korp tal-akkuża jkun jidher ċar li qed jiġi mħarrek jew akkużat minħabba r-responsabbilta' vikarja tiegħu bħala uffiċjali/diretturi tal-korp u mhux għal xi raġuni ohra. F'dan il-każ, iżda, dan ma seħħx, għalkemm il-fattispecje u l-provi jindikaw xort'ohra.*

*Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-*

*"Meta persuna tiġi biex twieġeb għar-reat kommess minn għaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-taħrika għandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwieġeb għall-akkuża, u f' każ ta' sejbien ta'*

> *ħtija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tiġi inflitta fuqu u tiġi skontata minnu."*

Iżda:

> *"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn għaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwieġeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuża — mhux fl-isem tal-imputat jew akkużat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi imsejjah biex iwieġeb għal reat kommess mill-korp jew għaqda: cioe' għandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi mħarrek jew akkużat minħabba r-responsabilta' vikarja tiegħu. Jekk mhux għal xi ħaġa oħra, tali indkazzjoni hi meħtieġa sabiex l-imputat jew l-akkużat ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu. (*App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deċiża 31/08/2006)"

Illi din il-Qorti tqis li d-difiża għandha raġun fis-sottomissjonijiet tagħha li għamlet fit-trattazzjoni. Il-mod kif inħarġu l-istess artikoli fin-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Ġenerali huma redati b'mod li jindikaw li qegħdin jagħmlu referenza għal responsabilita' personali u mhux waħda vikarja. Il-mod ta' kif inħarġu minflok tagħti x'tifhem proprju li din il-Qorti għandha biss bħala imputat lill-World Match u żewġ imputati l-oħra bħala responsabiltà personali u mhux waħda vikarja għal dak li setgħet għamlet World Match Ltd.

Dan għaliex fl-ewwel lok fl-okkju tniżżel li qed jitħarrek World Match u in rappreżentanza tal-istess kumpanija jisemmew imbagħad Andrea Boratto u lil Alessandro Fried li verament jisemmew il-karigi tagħhom imma dan mhux biżżejjed għal dan il-każ sabiex jiġi konkluż li tħarrku minħabba r-responsabiltà vikarja tagħhom. Dan billi ma jistax jiġi injorat li l-akkużi kif magħmula ħarġu wkoll kontra l-individwu kif ukoll kontra l-kumpanija. Il-fatt li l-ordni tal-Avukat Ġenerali ħareġ mhux biss fil-konfront tal-kumpanija iżda wkoll fil-konfront ta' Andrea Boratto u lil Alessandro Fried ma jfissirx li għandu jitqies li dawn tal-aħħar tħarrku bir-responsabiltà

vikarja, għaliex dan irid jirriżulta mill-akkuża liema bażi tagħha huma l-artikoli maħruġa fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali li f'dan il-każ ma hemm xejn indikat li tali akkużi huma riżultat ta' xi responsabiltà vikarja għal dak li sar mill-istess kumpanija jew il-korp maqgħud World Match.

Stabbilit dan, id-difiża tirreferi għar-responsabiltà ta' korp magħqud li ġie introdott fil-liġi tagħna l-artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid:

> *Meta reat taħt dan it-titolu ġie mwettaq minn persuna li dak iż-żmien tal-imsemmi reat tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza ta' dak il-korp jew li jkollha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp u r-reat imsemmi li dwaru tkun instabet ħatja dik il-persuna, jkun kollu jew f'parti minnu, sar għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-għanijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud li jista' jeħel il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*
>
> *Iżda meta l-imsemmija persuna ma tkunx għadha vestita bir-rappreżentanza legali, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ir-rappreżentanza legali għandha tiġi vestita fil-persuna li tkun qed tokkupa l-kariga minflokha jew f'dik il-persuna kif imsemmi f'dan l-artikolu.*

Referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Daniela Debattista deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru, 2016 fissret:

> *"Illum il-Kodiċi Kriminali fil-każ ta' ċertu reati, inkluż allura r-reat tal-frodi, jipprevedi responsabbilta' kriminali ġdida diretta lejn il-korp magħqud u dan meta bl-Att III tal-2002 ġie introdott il-kunċett ta' corporate liability u allura bis-saħħa tal-artikolu 310A, hemm l-applikazzjoni għar-reat tal-frodi ta' dak dispost fl-artikolu 121D li jipprovdi testwalment:*

*"Meta reat … ġie mwettaq minn persuna li dak iż-żmien tal-msemmi reat tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza ta' dak il-korp jew li jkollha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp u rreat imsemmi li dwaru tkun instabet ħatja dik il-persuna, jkun kollu jew f'parti minnu, sar għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-għanijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud li jista' jeħel il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

*Illi dan ifisser illi kuntrarjament għal dik ir-responsabbilta' vikarja imqiegħda fuq spallejn id-direttur ta' korp magħqud fejn allura f'każ ta' sejbien ta' ħtija u imposizzjoni ta' piena din tiġi inflitta fuqu u għandha tiġi skontata minnu personalment anke f'każ ta' piena pekunjarja, bil-kunċett legali ġdid introdott permezz ta' din id-disposizzjoni tal-liġi li titkellem dwar il-corporate liability, kif ingħad, ir-responsabbilta penali għalkemm titqiegħed fuq spallejn persuna fiżika, madanakollu l-piena pekunjarja hija imputabbli lil-korp magħqud, f'dan il-każ soċjeta kummerċjali, liema penali tiġi meqjusa bħala dejn ċivili u titolu eżekuttiv fil-konfront ta' dak il-korp magħqud.*

*Illi sfortunatament, kif ġara f'dan il-każ, il-prosekuzzjoni fl-akkuża minnha redatta ma tindikax taħt liema minn dawn iż-żewġ disposizzjonijiet tal-liġi li jistabilixxu ir-responsabbilita penali qiegħda tħarrek lill-appellanti u cioe' jekk hija għandhiex tinstab ħatja "vikarjament", jew inkella f'isem dak il-korp maghqud minnha rappreżentat jew it-tnejn flimkien. Lanqas ma jidher illi l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju tiegħu ħass illi kellu jindika dan biex b'hekk l-appellanti issa qed tikkontesta r-responsabbilita vikarja tagħha kif stabbilita mill-Ewwel Qorti.*

*Illi għalkemm il-kunċett tal-corporate liability issa ilu introdott fil-liġi tagħna għal dawn l-aħħar erbatax-il sena, jidher illi diffiċilment il-kunċett qed jiġi applikat, bil-prosekuzzjoni u allura l-qrati tagħna jistrieħu fuq dak dispost fl-artikolu 13 tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni sabiex b'hekk tiġi skartata din ir-responabbilta penali meta si tratta ta' korp magħqud. Illi huwa minnu illi dan*

*il-kunċett mhux dejjem jista' jiġi faċilment applikat. Dan għaliex billi r-reita' fil-kamp penali tinneċċesita kemm l-att materjali kif ukoll l-att formali huwa allura kważi impossibbli li jiġi ikkonċepit kif il-persuna legali u mhux fiżiku tista' qatt tifforma xi intenzjoni biex tikkometti xi reat minn dawk li għalihom japplika dan il-kunċett. Fil-fatt anke il-piena li tiġi inflitta neċessarjament trid tkun waħda pekunjarja billi dik tal-priġunerija neċessarjament tinvolvi l-persuna fiżika.*

*Issa għalkemm f'ċertu ġurisdizzjonijiet bħal dik Taljana ġie kreat il-kunċett tal-coporate mens rea fejn il-ħtija toħroġ minn difetti u negliġenza fl-istruttura organizattiva tal-kumpanija, fil-liġi tagħna dan il-kunċett ma isibx applikazzjoni u allura il-liġi trid illi qabel xejn tiġi identifikata l-persuna fiżika li kontra tagħha ser issir l-prosekuzzjoni għal kummissjoni tar-reat. Illi qabel ma jista' jingħad illi il-korp magħqud qed jinżamm responsabbli għal xi aġir penali, iżda, trid tinsab ħtija fil-persuna fiżika li tirrappreżenta dik is-soċjeta. Hekk kif tiġi stabbilita r-reita allura u jiġi ippruvat illi r-reat seħħ għal benefitċċju sew għal kollox jew in parti ta' dak il-korp magħqud, mela imbagħad dak il-korp magħqud kif rappreżentat mill-persuna akkużata jista' jeħel il-penali stabbilita fil-forma ta' ħlas tal-multa. Dan għaliex huwa meqjus illi kull att jew ommissjoni magħmula mill-persuna jew persuni li jaġixxu għan-nom tal-korp magħqud, għandu jitqies illi huwa att jew ommissjoni magħmul mill-korp magħqud innifsu.*

*Mela d-distinzjoni bejn dina l-forma ta' responsabbilita penali u dik vikarja hija waħda sottili ħafna, għaliex għalkemm fiż-żewġ istanzi il-kundanna issir kontra l-persuna fiżika, uffiċjal tal-korp magħqud, madanakollu l-piena inflitta taħt l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni taqa' f'hoġor dik il-persuna, u fil-każ tar-responsabbilita tal-korp magħqud l-piena tingħata fil-konfront tal-persuna legali u mhux dik fiżika, fejn l-uffiċjal allura ma iweġibx personalment għall-aġir inkriminatorju. Ukoll għalkemm fejn il-persuna fiżika tiġi akkużata bir-reponsabbilta vikarja tagħha, hija tista' teżimi ruħha minn tali responsabbilita billi turi, u dan fuq bażi ta' probabbilita, illi hija tkun eżerċitat id-diligenza meħtieġa għal-kariga minnha okkupata u tkun għamlet dik is-sorveljanza meħtieġa fil-qadi ta' dmirijietha sabiex tara illi ma isir l-ebda att jew omissjoni doluża, ma jidhirx illi bl-istess mod il-korp magħqud kif rappreżentat jista' isib il-konfort ta' dik l-iskużanti taħt l-artikolu 121D hawn fuq iċċitat u ikun bizzejjed illi l-prosekuzzjoni tipprova illi r-reat ikun seħħ a benefiċċju tal-kumpanija sabiex tiġi stabbilita r-reita' f'dak il-korp magħqud."*

Illi d-difiża fit-trattazzjoni tagħha qajmet kwistjoni dwar il-fatt li fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali ma hemm ebda referenza għal dak li jgħid l-artikolu 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas referenza għal dak li hemm fl-artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi f'dan il-każ il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak li ntqal fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deċiża fis-7 ta' Diċembru 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali meta qalet:

> *"r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti."*

Illi bil-mod kif inħarrġu l-artikoli ma hemm ebda referenza għal żewġ artikoli importanti dwar corporate liability u cioè l-artikolu 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll għal artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Illi fin-nuqqas ta' dan jidher li l-akkużi kif maħruġa huma ikkunsidrati bħala personali u mhux għal fatt li z-żewġ imputati Andrea Boratto u Alessandro Fried qegħdin bħala diretturi jew inkella xi forma oħra ta' rappreżentanza legali tal-istess kumpanija World Match u cioè tal-korp maqgħud. Minn qari tal-artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali u minn qari tas-sentenza hawn fuq imsemmija joħroġ li biex korp magħqud jinstab ħati ta' reat iridu jikkonkorru diversi kundizzjonijiet li huma:

1) ir-responsabiltà ta' korp magħqud hija konsegwenza ta' sejbien ta' ħtija ta' reat kommess minn persuna naturali.

Illi sabiex il-korp magħqud jista' jinstab ħati għandu jkun wieħed speċifikament indikat fil-liġi – l-istess artikolu 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi f'dan il-każ ma hemm ebda referenza fin-nota tar-Rinviju tal-Avukat Ġenerali dwar dan u għalhekk saret referenza għad-deċiżjoni

mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Michael Carter**. Minn dan isegwi li l-ewwel u qabel kollox, jeħtieġ li jitwettaq eżami tar-reat partikolari biex jiġi determinat jekk korp magħqud jistax jinstab ħati tiegħu.

2) il-persuna naturali għandha tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor tal-korp magħqud jew tkun persuna li jkollha setgħa ta' rappreżentanza ta' tali korp jew ikollha awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp.

Il-persuna naturali titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-korp magħqud. Din hija meħtieġa stante li fil-proċeduri penali l-korp magħqud ma jistax ikun fiżikament preżenti fl-awla. Hekk kif korrettament qalet id-difiża, l-artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali jistipula li l-korp maqgħud huwa suġġett biss għal piena ta' multa, hi x'inhu u kemm hi u taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn jekk ma jittieħdux proċeduri legali fit-terminu stabbiliet. Għalhekk huwa ċar li tali rappreżentanza hija biss rappreżentanza fiżika. Ir-reat li dik il-persuna tkun nstabet ħatja dwaru jrid ikun sar għall-benefiċċju, sew f'parti jew għal kollox, tal-korp magħqud.

Illi mill-provi mressqa huma kollha indikattivi dwar x'għamlet l-istess korp maqgħud bħala World Match u mhux id-diretturi tagħha. Illi jidher però għal dak li hemm fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali ma hemm ebda indikazzjoni li r-reat adebitat lil World Match Ltd huwa suġġett ghal dak li hemm fl-artikolu 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar ir-responsabiltà kriminali tad-diretturi tagħha. Illi huwa ċar minn dak li hemm li f'din in-nota saret distinzjoni u poġġiet lill-imputati kollha fl-istess keffa u cioè dik personali u mhux bħala diretturi ta' korp maqgħud. Illi għalhekk fi kwalunkwe każ, sabiex issa din il-Qorti ssib ħtija jew le trid teżamina mill-provi li għandha quddiemha dwar responsabiltà personali ta' kull imputat inkluż dik tal-korp maqgħud li issa mhux marbuta mal-fatti u l-imġiba tad-diretturi tagħha. Illi wkoll jingħad li korp maqgħud m'għandux mens

rea għalih waħdu għaliex l-aġir tagħha jiddependi fuq l-imġiba tal-persuni fiżiċi u fi kwalunkwe każ, jekk ikun hemm sejbien ta' ħtija tagħha, dejjem hija ta' multa hekk kif inhu prospettat fl-artikolu 121D tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta liema azzjoni kontra l-korp maqgħud irid jitniehed fi żmien sentejn.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Imputazzjoni – l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Fil-kawża bl-ismijiet il-**Pulizija vs George Manicolo** deċiża fil-31 ta' Lulju 1998, il-Qorti tal-Appell qalet:

> *"Illi l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid testwalment li:*
>
> ***308.*** *Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel…*
>
> *Illi l-gurisprudenza tal-Qrati ta' Malta dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa, mhux bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att jew atti li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif hemm indikati f'dak li jghid l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga msemmija mil-frodatur, liema haga in realta, ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u*

*mhux sempliciment wieghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm important fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, ma' dan it-tip ta' kliem jkun elowenti, studjat u perswassiv, ma' dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentament tikkonferma u tipprova l-fatti assesnti, cioe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.*

*Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenza qligh ghall-agent frodatur.*

*Kif gie stabbilit u riaffermat fil-Qrati taghna, ikun hati ta' truffa min jaghmel uzu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligh ghad-dannu ta' haddiehor."*

Illi tenut kont ta' dan kollu li kif ġie spjegat minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell dwar dawk l-elementi neċessarji għad-delitt ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, il-fatti juru li l-imputati daħlu għal diversi proġetti sabiex jiġu finanzjati mill-Unjoni Ewropeja. Illi mill-investigazzjoni tal-OLAF (u dan kien biss l-unika investigazzjoni li saret u minħabba rapport ġie mgħoddi lill-awtoritajiet Maltin sabiex jieħdu passi kontra l-imputati) ħareġ li kien hemm informazzjoni li ma kienitx sewwa. Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, ħareġ li skont ma qalu l-investigaturi f'dan il-każ li d-diretturi tal-kumpanija kienu mxew skont ma kien qallhom il-konsulent tagħhom waqt li min-naħa tal-konsulent (liema xhud qatt ma tressaq sabiex jixhed) kienu huma li għaddew l-informazzjoni lilu sabiex tingħata lil Kummissjoni Ewropeja.

Illi r-reat ta' truffa jinħtieġ li jkun hemm il-mise-en-scene, li tagħti l-kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann jew affarijiet oħra għal dak li hemm imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-każ ma hux ċar min għadda l-informazzjoni lil min. Illi kif ingħad hawn fuq, il-ġbir tal-provi f'dan il-każ kienu dak li jirrigwarda l-kumpanija World Match u dan bħala l-intrapriża li kellha tieħu f'ideja l-proġetti mħallas mill-

fondi Ewropej. Illi għalhekk sabiex jissusti dan ir-reat irid ikun hemm il-mens rea li jiġi ffrodat f'dan il-każ l-Unjoni Ewropeja. Illi l-kumpanija sabiex tiġi misjuba ħatja irid ikun il-persuna fiżika li għamel dan u mhux hi minħabba li ma jistax jiġi meqjus li hi għandha l-mens rea. Illi mill-fatti tal-każ dan l-ingann min-naħa tal-individwi u cioè iż-żewġ imputati l-oħra ma nġiebet ebda prova li juru li huma għamlu xi atti li jwasslu lill hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni biex din il-Qorti tasal għal konklużjoni li sar sabiex jiffrodaw lill-Unjoni Ewropeja.

Illi ta' min jinnota li wieħed mill-proġetti hekk magħmula mill-istess kumpanija seħħ tant li baqa' jintuża. Illi għalkemm skont l-investigaturi saru xi affarijiet fid-dikjarazzjonijiet li setgħu marru kontra r-regolament tal-Unjoni Ewropeja, hawn għandu jingħad li ma hawn ebda akkuża fuq dan l-aspett iżda li seħħ xi forma ta' frodi kriminali. Illi mill-assjem tal-provi din il-Qorti ma tarax li tista' tasal għal konklużjoni li kien hemm frodi magħmula miż-żewġ imputati Andrea Boratto u lil Alessandro Fried. Illi għalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputati Andrea Boratto u lil Alessandro Fried ma nġiebet ebda prova li użaw dawk ir-raġġiri u artifizji biex b'hekk għamlu gwadan. Illi in oltre dan l-element irid ikun hemm l-element volontarju jew il-mens rea cioe' b'mod volut u predeterminat sabiex iġiegħel lil ħaddieħor jemmen fl-eżistenza tal-ħila jew is-setgħa li għandu. Illi kif ingħad dak mitlub minnhom dwar il-proġett seħħ iżda jekk kien hemm xi ksur kuntrattwali jew kundizzjonijiet għal ħruġ ta' dan il-proġett, ma jistax jingħad li kienu b'intenzjoni frodista.

Għaldaqstant dina l-Qorti mhux qiegħda ssib ħtija lill-imputati Andrea Boratto u lil Alessandro Fried tal-ewwel akkuża taħt l-artikolu 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tieni u tielet imputazzjoni - l-artikoli 188 u 186 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

Illi z-żewġ imputati fil-kapaċità tagħhom personali huma akkużati għal dak li hemm taħt l-artikolu 188 u 186 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta jgħid:

*188.(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*

*(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dikta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*

Illi sejra ssir referenza għal sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Ottubru, 2005 (Numru 274/2003) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt. A. Mamo) Vs John Vella** indikat l-elementi rikjesti ai termini tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"L-ewwel huwa dak li nsibu fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*
*L-elementi ta' dan ir-reat huma:-*
*- li persuna biex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew ħaddieħor*
*- bl-użu ta' dokument maħsub għal xi awtorità pubblika.*
*- xjentament tagħmel (f'dan id-dokument) dikjarazzjoni jew stqarrija falza."*

Dan l-artikolu jikkontempla falsita ideoloġika li ġiet spjegata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea** fis-17 ta' Settembru 1997 meta din iddistingwiet bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku f'każ fejn l-imputat waħħal *number plates* li kienu jappartjenu vettura partikolari ma' vettura oħra. Illi pero' fil-kaz odjern, l-imputati m'għamlux dikjarazzjoni falza ma' xi awtorità kif qiegħed jitlob l-artikolu 188. Illi dan id-dokumenti li suppost ġew użati mal-Unjoni Ewropeja kienu jappartjenu

lil World Match Ltd u mhux fil-kapaċità tagħhom personali. Illi kif diġà ingħad hawn fuq, il-fatt li l-Avukat Ġenerali naqas milli jikkwota l-artikoli tal-liġi relevanti għal responsabiltà vikarja, allura din il-Qorti bilfors trid tħares lejn dak prospettat għal responsabiltà personali. Illi jekk inħarsu lejn is-sentenza hawn fuq kwotata, il-Qorti qalet hekk fuq din il-kwistjoni:

> *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza materjali tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u ċioe` fil-kontenut ideali tiegħu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini*
>
> *(Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta ddokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*

Illi f'dan il-każ, skont l-istess investigaturi ta' OLAF li xehedu f'dawn il-proċeduri semmew li kien hemm misrappresentazzjoni tal-fatti kif ġew murija lilhom. Illi però ma tressqet l-ebda prova li fil-fatt turi li dak li kien hemm fl-istess dokumentazzjoni kienu foloz. Illi sabiex isostnu dan il-punt semmew li waħda mid-dikjarazzjonijiet magħmula mill-istess World Match kienet li s-segretarja tal-istess kumpanija kellha xi esperjenza f'qasam mediku. Illi però għandu jingħad li dan ix-xhud ma tressaqx sabiex jitla jixhed u jispjega dan il-fatt. Illi għalhekk dak li ntqal li huwa misrappresentazzjoni ma jfissirx li huwa dak indikat fl-artikolu 188 u cioe' dikjarazzjoni falza ladarba dan ix-xhud ma tressaq qatt. Lanqas għal istess raġuni dwar il-konsulent tal-istess kumpanija World Match ma nġib sabiex jipostula dwar it-teżi tal-fatt li huwa ressaq dak li kienu qalulu id-diretturi ta' World Match. Illi ma kien hemm ebda prova li turi li kienu l-

istess imputati Andrea Boratto u lil Alessandro Fried li għamlu dan għal dak li hemm fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-istess għandu jingħad li mill-provi mressqa kienux l-istess Andrea Boratto u lil Alessandro Fried li għamlu użu minn dawn id-dokumenti jew inkella l-istess World Match għal dak li hemm fl-artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi kif ntqal aktar hawn fuq, l-imputati Andrea Boratto u lil Alessandro Fried m'humiex jidhru quddiem din il-Qorti fil-kapaċità vikarja tagħhom għal dak li għamlet l-istess kumpanija World Match. Illi lanqas ma jirriżulta li l-istess Andrea Boratto u lil Alessandro Fried huma għamlu dikjarazzjoni falza jew xi ċertifikat falz għal dak li hemm taħt l-artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk din il-Qorti mhux qiegħda ssib ħatja lill-imputati Andrea Boratto u lil Alessandro Fried taħt dak li hemm fl-artikolu 188, 185 u 186 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-Raba imputazzjoni l-artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta - fuq l-Assocjazzjoni ghal frodi u uzu ta' dokumenti**

Illi z-żewġ imputati Andrea Boratto u lil Alessandro Fried huma akkużati għal dak li hemm fl-artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè assoċjazzjoni għal skop ta' reat ta' frodi fost reati oħra. L-artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġa fis-sezzjoni ġenerali tal-Kodiċi Kriminali u ma sarx reat iżda jrid jiġi abbinat ma' reat partikolari tal-każ. Tajjeb li qabel xejn jingħad illi r-reat ipotizzat fl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali, dak tal-assoċjazzjoni bil-għan ta' kommissjoni ta' delitti punibbli bi priġunerija huwa differenti minn dak tat-tentattiv ta' reat bħal ma' hemm fl-artikolu 41 u tal-organizzazzjoni kriminal għal dak li hemm fl-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi hekk:

*48A.(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta'assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.*

*(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*

*(3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.*

*(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat.*

Fil-Kenny's Outlines of Criminal Law –Ninth Ed, 1966 jagħti tifsira hekk ta' dan ir-reat:

*Pg. 101: But so far as the law of the present day is concerned the House of Lords has declared (a) that the gist of conspiracy is the agreement, whether or not the object is attained; and (b) that the purpose of making such agreements punishable is to prevent the commission of the substantive offence before it has even reached the stage of attempt, and (c) that is all part and parcel of the preservation of the Queen's peace within the realm.*

*Pg 431: As to the evidence admissible, the principles are just the same for conspiracy as for other crimes. But owing to two precularities in the circumstances to which those principles are here applied, it often seem as if there were an unusual laxity in the modes of giving proof of an accusation of conspiracy. For (a) it rarely happens that the actual fact of the conspiring can be proved by direct evidence, since such agreements are usually entered into both swiftly and secretly. Hence they ordinarily can be proved only by an inference from the subsequent conduct of the parties, in committing some overt act which tend so obviously toward the alleged unlawful result as to suggest that they must have arisen from an agreement to bring it about. Upon each of several isolated doings a conjectural interpretation is put; and from the aggregate of these interpretations an inference is draw.*

Imbagħad, Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 in rigward jgħid hekk:

> *The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself …. Nothing may be done in pursuit of the agreement …The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstance from this the jury may presume it. …Proof of the existence of a conspiracy is generally a matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them…..*
>
> *The agreement may be proved in te usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R.v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R.v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them: R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 1717, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317".*

Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Novembru, 2009 fl-ismijiet *The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden* il-Qorti għamlet referenza ukoll għal **Blackstone's Criminal Practice** fejn kien ritenut hekk:

> *"There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In Murphy (1837) C C 7 P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by direct testimony, secret recordings or confessions..."*

Mill-provi li nġiebu quddiem din il-Qorti ma hemm ebda prova ta' x'seta' ntqal bejn il-partijiet. Ir-reat tal-assoċjazzjoni, li huwa wieħed mill-atti preparatorji għar-reat konsmat jew attentat u li għalhekk jista' jirriżulta indipendentement mill-kommissjoni tar-reat maħsub jew it-tentattiv tiegħu jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi:

a) il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar;
b) l-intenzjoni li jsir ir-reat (speċifikat u mhux wieħed ġeneriku); u
c) pjan ta' azzjoni miftiehem

Illi għalhekk jekk ikun hemm wieħed mill-elementi nieqsa allura ma jistax jingħad li dan ir-reat kontemplat taħt dak li hemm fl-artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jissusisti. L-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali jkompli li l-allegata assoċjazzjoni jeħtieġ li tkun saret f'Malta. Din hija kwistjoni ta' ġurisdizzjoni fejn il-liġi tippunixxi assoċjazzjoni magħmula fuq artna u mhux f'barra mix-xtut tagħna. Dak li l-liġi tittanta tipprevjeni huma assoċjazzjonijiet għal skopijiet kriminali magħmula f'Malta. Illi minn dak li tressaq quddiem din il-Qorti ma hemm ebda prova li z-żewġ imputati Andrea Boratto u lil Alessandro Fried għamlu xi ftehim għal dak li qiegħed jitlob l-artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma ssibx ħtija.

**L-akkużi fil-konfront ta' World Match**

Illi kif ingħad hawn fuq World Match hija wkoll akkużata bl-istess reati li huma adebitati lil Andrea Boratto u lil Alessandro Fried ukoll. Illi skans ta' ripetizzjoni, l-aktar żewġ artikoli importanti għal sejbien ta' ħtija ghal dak li jitlob fil-konfront tal-istess kumpanija World Match, mhumiex imniżżla fin-nota tar-Rinviju. Illi għalhekk sabiex tinstab ħtija fil-konfront ta' World Match irid ikun hemm ħtija ta' persuna fiżika li f'dan il-każ ir-responsabiltà vikarja tad-diretturi liema akkużi fil-konfront tagħhom ma rriżultawx kemm għal fatt li n-nota ta' rinviju kienet qiegħda immirata għal responsabiltà personali u mhux dik vikarja. Illi wkoll għandu jingħad anki jekk se mai l-istess kumpanija jew il-korp maqgħud World Match kellha xi responsabiltà, dawn huma preskritti wara l-għeluq ta' sentejn. Illi mill-fatti tal-każ jirriżulta b'mod ċar li dawn l-akkużi kienu qegħdin jagħmlu referenza għal dak li gara fis-sena 2010 u fis-snin ta' qabel. Illi l-akkużi

fil-konfront tagħha nġiebu fis-sena 2016 u għalhekk it-trapass taż-żmien ta' aktar minn sentejn. Illi anki jekk se mai kien hemm xi responsabiltà kriminali da parti tal-kumpanija World Match, dawn huma preskritti u għalhekk kwalunkwe azzjoni hija estinta.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħhom u tilliberhom minn kull ħtija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**